# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Steven Azzopardi**

239/18

Illum:23 ta' Jannar 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Steven Azzopardi ta` 31 sena iben Peter u Brigette xebba Grech imwieled il-Pieta' nhar il-11/07/1986 residenti 8, Jan Bert, Sqaq Charlotte, Gharghur Karta tal-identita nru 318186(M) talli f'dawn il-Gzejjer , b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijet differenti u li jikksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe' nhar is-17 ta' April, 2018 u fix xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer.

1. Hedded bil-fomm lil Peter Azzopardi ID 700759(M) li joqtlu jew li jqeghdlu hajtu f'perikolu car u ghamillu ordni jew kondizzjoni bi ksur tal-artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.
2. Bil-hsieb li jestorci ful jew xi hag'ohra jew li jaghmel xi qligh jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi

tiddistruggi tqalleb jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga jhedded li taghmel denuzja jew kwerela kontra jew li jaghti malfama li dik il-persuna jew persuna ohra u fil-fatt b'dan it-theddid wasal fil-hsieb tieghu.

3. Gab ruhu b'mod li kkagunajt lil Peter Azzopardi ID 700759(M)biza` li se tintuza vjonenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta` xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet se tikkaguna li Peter Azzopardi ID 700759(M) kekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet.
4. Gab ruhu b'tali mod li tajt fastidju lil Peter Azzopardi ID 700759(M) u b'mod li kien jaf jaw missu kien jaf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghal Peter Azzopardi ID 700759(M)
5. Insulenta hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Peter Azzopardi ID 700759(M).
6. Bil-hsieb li jikser jew li jhassar il-gieh ta' Peter Azzopardi ID 700759(M) wegghu bi kliem gesti kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor.
7. Meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjoni ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz.
8. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew f'id-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjoni u dan minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U nakkuzah li aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' April, 2018 ghal habta ta' bejn 09:00 hrs u l-10:00 hrs gewwa ghalqa fil-limiti ta' Sqaq iX-Xaqquf, Gharghuyr u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer.

9. Dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Peter Azzopardi ID 700759(M)f'perikolu car wera dan il-hsieb b'ati esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tir ta' arma tan-nar fid-direzzjoni ta' l-istess Peter Azzopardi ID 700759(M) liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

10. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta’ arma regolari b’atti esterni ta’l-bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt sabiex jikkaguna lil Peter Azzopardi ID 700759(M) offuza ta’ natura gravi liema offiza iggib il-konsegwenzi msemmija taht art 216u/jew 210 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ Peter Azzopardi ID 700759(M)tieghu.
11. Fl-istess data, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq-il persuna ta’ l-istess Peter Azzopardi ID 700759(M) skond kif gie iccertifikat mit-tabib Dr Aaron Schembri MD Reg no 4001.
12. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li ghamilt id-delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar , arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.
13. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi spara arma tan-nar f’post pubbliku, post abittat jew fi qrib tieghu.
14. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-detriment ta’ Peter Azzopardi ID 700759(M)
15. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubbliku b’ghajjat u storbju.

Il-|Qorti giet mitluba li waqt il-mori tal-kawza tghaddi ghall-iffrizar ta’ l-ghassi tal-akkuzat u dan skond Art 23A tal- Kapo 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti mitluba li f’kas ta’ htija tittratta ma’ l-akkuzat bhala recidiv u dan ai termini tal-art 49 u 50 tal-Kat 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti mitluba li f’kas ta’ htija tiehu a konjizzjoni l-Art 251 H u kif ukoll titratta l-kaz bhala wiehed ta’ vjolenza domestika u dan meta tigi biex tinfliggi l-pieni.

Il- Qorti mitluba li f’kas ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna l-konfiska ta’ armi regolari jew munizzjoni.

Il-Qorti mitluba li f’kas ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi thassar jew tissospendi licenza mahruga taht dan l-att u jew tipprojbixxi lill-hati milli jkollu licenzja taht l-Att Dwar l-Armi Kapitlu 480.

Il-Qorti mitluba li f'kas ta' htija  tipprovdi ghas-sigurta tal-vittma skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li f'kas ta' htija  tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi gahs-sigurta tal-persuna offiza skond it-termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li f'kas ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjes li ghandhom, x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espertio jewkk ikun ilkaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-udjenza tat-13 ta` Settembru 2023 Dr David Gatt ghan-nom tal-parte civile jiddikjara illi f'dan l-istadju m'ghandhux aktar interess li jixhed fil-konfront ta' ibnu l-imputat Steven Azzoppardi u jahfirlu.

Illi fis-17 ta` Ottubru, 2023 Steven Azzopardi intavola rikors fejn invoka l-artikolu 543€ tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont tad-dikjaraz tal-parte civicli tablet li jitwaqqfu l-proceduri odjerni.

Bir-risposta tieghu tat-8 ta' Novembru, 2023l-Avukat Generali irrileva li ghandu jinstema' l-allegat vittma rigwardanti l-istess.

Fl-udjenza tal-21 ta` Novembru, 2023 xehed Peter Azzopardi.

Rat l-ewwel rekwizit tar-rinviju tad-19 ta' Jannar, 2024

Rat l-artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda provi, dokumenti u atti kollha.

Rat it-trattazzjoni u l-verbal tad-19 ta' Dicembru, 2023

**Ikkunsidrat**

Fix-xhieda tieghu tal-21 ta` Novembru, 2023 Peter Azzopardi stqarr li hafer lil ibnu Steven Azzopardi u li ma ghandi l-ebda interess fil-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Illi jidher car li l-Peter Azzopardi ried li il-proceduri odjerni jittwaqqfu.

**Decide**

Illi ai termini tal-artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jidher li hu fl-ahjar interess tal-istess vittma li l-proceduri jigu dikjarati ezawriti u li ma jitkomplux.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**